BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D
ILLUM, IL-GIMGHA 1 TA' FRAR 2002

PULIZIJA
SPETTUR RAY D'ANASTASI
VS
PIERRE BUTTIGIEG

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Pierre Buttigieg ta' 19 il-sena, bin David u Pauline nee Dingli, imwieled il-Pieta u joqghod flat 3, blk 4, Qasam ta' Pennellu, Mellieha imwieled fit-13 t'April 1974 talli f'San Pawl il-Bahar fit-30 t'Awissu 1993 ikkommetta serq ta' vettura numru T3531 tal-ghamla Fiat 124, kulur ahdar ghad-dannu ta' Pauline Scerri , minn San Pawl il-Bahar, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin, bil-valur, u bin-natura tal-haga misruqa.

F'Malta xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod illi jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u dan billi zamm karozza numru T3531.

Aktar talli f'Buggiba fil-lejl ta' bejn il-Hamis 16 ta' Settembru 1993 u il-Gimgha 17 ta' Settembru 1993 ghal habta ta' nofs il-lejl attakka jew resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra membri tal-Pulizija, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi minn awtorita kompetenti.

Ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq membri tal-Pulizija, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew

minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Aktar talli fl-istess data, hin u lok, saq vettura numru T3531 b'manjiera perikoluza u traskurata.

Talli saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja ta-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija u ghalhekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta ghat-terzi persuni.

Talli saq l-istess vettura meta din kellha numru falz A 5119.

Talli saq l-istess vettura meta din kienet minghajr numru quddiem.

Talli bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies b'ghajjat jew b'mod iehor.

Talli volontarjament kiser il-bon ordni u il-paci pubblika bl-ghajjat u bil-glied.

Talli qal kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku.

Talli sar recediv billi ikkommetta reat iehor minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Awla B li saret definittiva fit-23 ta' Gunju 1992.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali tsht liema artikoli din il-Qorti tista ssib htija fl-imputat.

Rat il-verbal td-29 ta' Awissu 1995 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat min din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi fid-data, lok u hin citat fl-akkuza il-pulizija PS 130 f'Bugibba Bay Square li kien Patrol innota karozza bit-tyres iwerrzqu. Il-Pulizija waqqfu lill-karozza li kellha biss number plates fuq wara _A 5119 - li kienet misruqa mill-imputat.

Mill-istharrig tal-Pulizija jirrizulta illi din il-karozza kienet giet misruqa min sAn Pawl il-Bahar fl-20 t'Awissu 1993.

L-imputat meta gie mwaqqaf mill-pulizija beda jkellimhom hazin pprova jxejjer daqqa ta' ponn lejn s-Surgent u harab.

Il-pulizija li kienu jafu lill-imputat arrestawh sussegwentement.

Illi mil-istqarrija tal-imputat nnega kollox.

Mix-xhieda ta' PS130 Ivan Cilia xhed kif waqqfu lill-imputat u li kien qalilhom li l-karozza kienet ta' missieru li kif il-pulizija ccekkja l-licenzja l-imputat qabad jidghi, pprova jahrab u zamm l-pulizija. L-imputat ghamel t-tieni attentat biex jahrab sakemm il-pulizija pprova jaqbad mal-Control Room sabiex jara jekk il-karozza kenitx rapportata misruqa.

Illi hawnhekk l-imputat rega ghamel attentat biex jahrab u rnexxielu. Din ix-xhieda hija kkorroborata mix-xhieda ta' PC106 Sammut a fol 51 et seq.

PS1191 Muscat xhed fuq ir-rapport li kienet ghamlet Pauline Scerri fuq is-serq tal-karozza taghha T-3531 (ara xhieda a fol 19) kif konfermata mid-derubat stess a fol 21 li hafret lill-imputat.

Valur tal-karozza stmat Lm400 (ara xhieda a fol 24).

Saret il-prova ta' ricediva (ara fol 45).

Saret il-prova dwar nuqqas ta' licenzja ta' sewqan tal-imputat a fol 56.

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda prodotta jirrizulta b'mod l-aktar car illi huwa hati tal-akkuzi ta' serq tal-vettura indikata fl-akkuza tal-hames, sitt, seba, disa, ghaxar u hdax u tnax b'assorbiment tad-disa akkuza.

Dan qieghed jinghad ghaliex l-imputat li kien maghruf mill-pulizija, gideb fuq il-provenienza tal-karozza, billi qal li kien ta' missieru u meta nduna li l-pulizija kien qed jinvestiga il-provinienza tal-istess karozza, harab.

Illi l-pulizija ingibditilhom l-attenzjoni ghal karozza implikata ghaliex l-imputat kien qieghed jghaqqad t-tyres tal-karozza u waqfuh. Dan beda jighdi u joffendihom u jghidilhom jhalluh bi kwietu.

Illi ghal rigward ta' htija ta' serq, il-Qorti sempliciment taghmel referenza ghal gurisprudenza ricenti Ingliza li giet addottata mill-Qrati taghna fis-sens illi fejn si tratta ta' recent possession, kull qorti jew gurija f'kaz li l-imputat ma jaghtix spjegazzjoni verosimili ta' kif gie fil-pussess ta' oggetti denomili min serq recenti, tista ssib htija jew ghas-serq jew ghal ricetazzjoni.

Illi d-difiza rribattiet illi dan il-kaz si tratta ta' furto d'uso. Din giet mqajjma mid-difiza fit-trattazzjoni. L-imputat ma xhedx u fl-istqarrija tieghu nnega kollox.

Illi minkejja illi l-Qorti ma ghandha ebda prova li hawn si tratta ta' furto d'uso kif fuq intqal, il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni b'mod specjali ghal bdil ta' number plates juri bic-car l-intenzjoni u l-agir tal-imputat.

Illi ma jirrizultawx pprovati t-tieni u t-tielet u r-raba akkuza u ghalhekk din il-Qorti tillibera lill-imputat minnhom.

Illi ghaldaqstant il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel, hames, sitt, seba, tmin, ghaxar, hdax, u tnax il-akkuza b'assorbiment tad-disa akkuza, u wara li rat Art 37, 261(b)©(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 278, 279, Art 49, 50, 533, 338 dd u bb u 28A kap 9, Art 15 kap 65, Art 3 kap 104 tikkundannah ghal 13 il-xahar prigunerija sospizi ghal 4 snin u dan wara li hadet in konsiderazzjoni li l-imputat kien taht l-eta meta sehhu r-reati imsemmija u li ma nghatax trattament ta' first offender fis-sentenza tat-23 ta' Gunju 1992.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
A/DEP REG